



Dokument ta' sessjoni

A9-0221/2023

29.6.2023

RAKKOMANDEZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun dwar ċerti dispożizzjonijiet ta' ftehimiet bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għas-servizzi tal-ajru
(07028/2023 – C9-0119/2023 – 2022/0419(NLE))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Cláudia Monteiro de Aguiar

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	6
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	8
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	9

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun dwar ċerti dispożizzjonijiet ta' ftehimiet bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għas-servizzi tal-ajru ((07028/2023 – C9-0119/2023 – 2022/0419(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (07028/2023),
 - wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru (16232/2022),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 100(2) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-0119/2023),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 105(1) u (4) u l-Artikolu 114(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A9-0221/2023),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim;
 2. Jagħti iSTRUZZJONIJET lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Ġappun.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-kontenut

Il-Kummissjoni nnegożjat ftehim mal-Ġappun (il-“Ftehim”) biex tissostitwixxi ċerti dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali diġà eżistenti dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri u l-Ġappun sabiex il-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru jinġiebu f’konformità mad-dritt tal-UE, kif mitlub mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-hekk imsejħa kawżi “Sema Miftuħ” tal-2002.

Abbażi ta’ dan, il-Ftehim se jgħib il-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn 13-il Stat Membru (l-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, l-Iżvezja, in-Netherlands, il-Polonja, Spanja, l-Ungerija) u l-Ġappun f’konformità mad-dritt tal-UE.

Sa issa, il-klawżoli tradizzjonali ta’ deżinjazzjoni fil-ftehimiet bilaterali tal-Istati Membri dwar is-servizzi tal-ajru mal-Ġappun kisru d-dritt tal-Unjoni minħabba li ppermettew lil pajjiż terz jirrifjuta, jirtira jew jissospendi l-permessi jew l-awtorizzazzjonijiet ta’ trasportatur tal-ajru ddeżinjat minn Stat Membru u li huwa proprjetà ta’/ikkontrollat minn Stat Membru ieħor jew miċ-ċittadini tiegħu.

Din il-prattika qed tikser l-Artikolu 49 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jiggwarantixxi liċ-ċittadini ta’ Stati Membri li jkunu eżerċitaw il-libertà tal-istabbiliment tagħhom l-istess trattament fl-Istat Membru ospitanti bħal dak mogħti liċ-ċittadini ta’ dak l-Istat Membru.

Għalhekk, issa l-Ftehim jipprovdi lit-trasportaturi tal-ajru kollha tal-UE b’aċċess mhux diskriminatorju għar-rotot bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun. L-Artikolu 2 tal-Ftehim jissostitwixxi l-klawżoli tradizzjonali ta’ deżinjazzjoni bi klawżola ta’ deżinjazzjoni tal-UE, li tippermetti li t-trasportaturi kollha tal-UE jibbenefikaw mid-dritt tal-istabbiliment: kwalunkwe trasportatur tal-UE jista’ jtir minn kwalunkwe Stat Membru li għandu ftehim bilaterali mal-Ġappun fejn id-drittijiet tat-traffiku mhux użati jkunu disponibbli.

Proċedura

In-negożjati dwar il-Ftehim ġew konklużi, u l-Ftehim ġie ffirmat fl-20 ta’ Frar 2023. Għalhekk, il-Kunsill issa talab l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, f’konformità mal-Artikolu 218 tat-TFUE.

F’konformità ma l-Artikoli 105 u 114 tar-Regoli ta’ Proċedura tal-Parlament, il-Kumitat responsabbli (TRAN) għandu jippreżenta rakkomandazzjoni għall-approvazzjoni jew iċ-ċaħda tal-att propost.

L-emendi fil-livell tal-Kumitat għandhom ikunu ammissibbli biss jekk ikollhom l-għan li jaqilbu s-sens tar-rakkomandazzjoni kif proposta mir-rapporteur.

Il-Parlament imbagħad għandu jieħu deċiżjoni permezz ta’ votazzjoni unika, u ma tista’ titressaq l-ebda emenda għall-ftehim.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru
Referenzi	07028/2023 – C9-0119/2023 – 2022/0419(NLE)
Data tal-konsultazzjoni jew tat-talba għal approvazzjoni	29.3.2023
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 17.4.2023
Rapporteurs Data tal-ħatra	Cláudia Monteiro de Aguiar 25.4.2023
Eżami fil-kumitat	24.5.2023
Data tal-adozzjoni	27.6.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 40 –: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Andris Ameriks, José Ramón Bauzá Díaz, Erik Bergkvist, Paolo Borchia, Ciarán Cuffe, Karima Delli, Anna Deparnay-Grunenberg, Mario Furore, Isabel García Muñoz, Jens Gieseke, Elsi Katainen, Bogusław Liberadzki, Benoît Lutgen, Marian-Jean Marinescu, Tilly Metz, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen, Rovana Plumb, Tomasz Piotr Poręba, Bergur Løkke Rasmussen, Massimiliano Salini, Vera Tax, Barbara Thaler, István Ujhelyi, Achille Variati, Petar Vitanov, Lucia Vuolo, Kosma Złotowski
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Tom Berendsen, Clare Daly, Valter Flego, Beata Mazurek, Luděk Niedermayer, Ljudmila Novak, Markus Pieper, Dorien Rookmaker, Andreas Schieder, Jörgen Warborn
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Vasile Blaga, Patricia Chagnon
Data tat-tressiq	29.6.2023

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

40	+
ECR	Beata Mazurek, Tomasz Piotr Poręba, Dorien Rookmaker, Kosma Złotowski
ID	Paolo Borchia, Patricia Chagnon
NI	Mario Furore
PPE	Tom Berendsen, Vasile Blaga, Jens Gieseke, Benoît Lutgen, Marian-Jean Marinescu, Luděk Niedermayer, Ljudmila Novak, Markus Pieper, Massimiliano Salini, Barbara Thaler, Lucia Vuolo, Jörgen Warborn
Renew	José Ramón Bauzá Díaz, Valter Flego, Elsi Katainen, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen, Bergur Løkke Rasmussen
S&D	Andris Ameriks, Erik Bergkvist, Isabel García Muñoz, Bogusław Liberadzki, Rovana Plumb, Andreas Schieder, Vera Tax, István Ujhelyi, Achille Variati, Petar Vitanov
The Left	Clare Daly
Verts/ALE	Ciarán Cuffe, Karima Delli, Anna Deparnay-Grunenberg, Tilly Metz

0	-

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni